MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 568/2002/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process datata 17 ta' Mejju 2002 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Settembru 1986 (Dok. "A");

Illi l-hajja konjugali giet resa mpossibbli minhabba adulterju, abbandun, theddid, mohqrija, sevizzi u ngurji

gravi kommessi da parti tal-konvenut u nkompatibilita` ta' karattru;

Illi miz-zwieg twieldet tifla *ossia* Lyanne Farrugia li ghadha minuri skond ma jirrizulta mill-anness certifikati tat-twelid immarkat Dok. "B";

Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta' April 2002 (Dok. "C");

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess;

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tifla minuri Lyanne Farrugia;

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri;

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili;**

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba` talba, *occorrendo* billi tinnomina periti nominandi;

6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn;

7. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici, il-propjeta` kollha taghha parafernali jew il-valur taghha;

8. Tordna illi fid-dar matrimonjali jibqghu jghixu l-attrici u bintha ad eskluzjoni tal-konvenut kif kontemplat fl-**artikoli 55 u 55A tal-Kodici Civili.**

9. Tordna illi l-attrici tirreverti ghal kunjomha xebba *ossia* Darmanin.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 14 ta’ Awissu 2002 fejn talab li il-mandat ta’ qbid fuq il-karozza;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Awissu 2002;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 19 ta’ Awissu 2002 sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 1602/02 JTA;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Awissu 2002;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Awissu 2002 (a fol. 25) fejn gew degretati r-rikorsi tas-16 ta’ Awissu 2002 u tad-19 ta’ Awissu 2002 fejn ir-rikorrenti obbliga ruhu li fil-mori tal-kawza huwa bl-ebda mod ma kien se jitrasferixxi l-vettura lil terzi persuni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 3 ta’ Settembru 2002 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa jopponi ghat-talba attrici ghas-separazzjoni konjugali, peress li l-ghemil allegat lill-eccipjent kif kontenut fic-citazzjoni huwa falz, u dan gie diga` minnu dikjarat gudizzjarjament;

2. Illi fl-eventwalita` li l-process ghas-separazzjoni jitkompla, r-responsabbilita` u l-htija ta’ dan huma unikament ta’ l-attrici, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi minhabba l-komportament ta' l-attrici, li hija tahdem u li ghandha flus imgemmajn, l-eccipjent m'ghandux ihallasha manteniment;

4. Illi l-kura tat-tifla komuni ghandha tinghata lill-eccipjenti jew, sussidjarjament, li huwa jkollu access, kura u kontroll fuq it-tifla mhux anqas mill-attrici;

5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-assi tal-komunjoni ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-eccipjent ghamel xogholijiet sostanzjali fid-dar fejn jirrisjedu l-kontendenti, qabel ma zzewgu; li huwa kellu ncident li bih tilef sebghu, u rcieva bhala kumpens sebat elef (Lm7,000), li parti minnhom servew biex xtara l-vettura li ghandu, u l-parti l-ohra intefqet ghall-bzonnijiet tal-familja, u *quindi* ma jiffurmawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Illi l-assi tal-komunjoni ghandu jigi sostanzjat u valutat, u r-ripartizzjoni jew bejgh ghandhom isiru bil-kunsens tal-partijiet, jew kif tordna din l-Onorabbli Qorti;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors (1) ta' l-4 ta' Settembru 2002 ta' l-attrici fejn talbet lill-Qorti sabiex takkorda l-kura u kustodja tal-minuri lilu u tiffissa l-granet u hinijiet meta ghandu jezercita l-access l-intimat;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Settembru 2002;
Rat id-digriet tad-19 ta' Settembru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura ta' l-affidavits;

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut datat 3 ta' Ottubru 2002 fejn talab lill-Qorti li jinhareg il-kontro-mandat opportun sabiex il-vettura terga' tigi fil-pussess tieghu;

Rat id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2002 a fol. 55 tal-process fejn it-talba giet michuda;

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut datata 30 ta' Settembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-

digriet li bih ordnat in-notifika tar-rikors tas-27 ta' Settembru 2002 lill-kontro-parti u sabiex tikkonsidra l-kontenut ta' l-ahhar paragrafu ta' l-istess rikors;

Rat id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors (3) tal-konvenut tat-18 ta' Settembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tisma' lill-Marixxal Abela;

Rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors (4) tal-konvenut tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tas-7 ta' Ottubru 2002;
Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat in-nota ta' A li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess (a fol. 74); ta' Rita Gatt (a fol. 78); u ta' Francis Farrugia;

Rat ir-rikors (5) tal-11 ta' Novembru 2002 tal-konvenut (a fol. 84);

Rat id-digriet tat-12 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr Mark Chetcuti;

Rat in-nota ta' l-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi li biha ddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut, li issa huwa patrocinat mill-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali;

Rat ir-rikors (2) ta' l-attrici datat 17 ta' Jannar 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment dovut lill-attrici;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;
Rat in-nota ta’ l-attrici A datata 12 ta’ Gunju 2003;

Rat ir-rikors (3) ta’ l-attrici 19 ta’ Gunju 2003 fejn talbet korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li tizdied it-talab “tordna illli l-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba *ossia* Darmanin”;

Rat id-digriet sussegwenti ta’ l-20 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Lulju 2003 fejn il-Qorti kkonfermat id-digrieti taghha tat-8 ta’ Lulju 2003 u tal-15 ta’ Lulju 2003;

Rat ir-rikors (4) tad-19 ta’ Gunju ta’ l-attrici fejn talbet lill-Qorti sabiex taghti l-provvedimenti necessarji sabiex id-digriet tal-11 ta’ Marzu 2003 jigi aderit;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Lulju 2003 fejn il-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex taderixxi ruhha mad-digriet u tibghat il-manteniment dirett lill-attrici bla kundizzjoni u bla ebda tnaqqis;

Rat ir-rikors (5) tal-5 ta’ Awissu 2003 fejn l-attrici talbet lill-Qorti sabiex id-drittijiet tal-Perit Legali jithallsu miz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Awissu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat ir-rikors (6) ta’ l-attrici tal-5 ta’ Settembru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex ma jibqax isir ksur tad-digrieti taghha;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha precedenti u ordnat lis-socjeta` General Plastics Ltd sabiex taderixxi ruhha ma’ l-istess u sabiex tindika b’mezz ta’ nota kif l-istess socjeta` aderixxiet ruhha ma’ l-istess;

Rat in-nota ta’ Dottor Victor E. Ragonesi bhala Managing Director ta’ General Plastics Limited;

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta’ Novembru 2003; ta’ l-20 ta’ Jannar 2004; tat-22 ta’ Jannar 2004 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport u tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn Dr Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenut iddikjara li l-klijent tieghu skopra, wara r-rapport, illi l-attrici tahdem *part-time* mal-Gvern fis-sens li l-introjtu taghha huwa akbar minn dak li xehdet dwaru. L-attrici u d-difensur taghha Dr David Camilleri msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti, fic-cirkostanzi, awtorizzat is-smigh ta’ tali xhud b’dan li kellu jitharrek ghas-seduta li jmiss.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi kollha maghluqa anke *in vista* ta’ l-ahhar verbal. L-attrici ddikjarat li tahdem *part-time* bhala *casual cleaner* b’lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1.50) fis-siegha fid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Hija tahdem bejn tmintax (18) u ghoxrin (20) siegha fil-gimgha. Dr David Camilleri nforma lill-Qorti li l-paga mhux qed titnaqqas mis-socjeta’ General Plastics. Il-Qorti dderigiet lil Dr Camilleri biex jindika r-rapprezentanti u Diretturi ta’ l-istess socjeta’ b’nota apposita fi zmien ghaxart (10) ijiem. Il-Qorti tordna biex l-istess kumpanija tosserva d-digriet li mill-paga tal-konvenut jitnaqqas il-manteniment ordnat *pendente lite* ta’ mija u sittin lira Maltija (Lm160) fix-xahar, u dan taht sanzjoni ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti. Il-konvenut iddikjara li l-ammont ta’ manteniment qed jinzamm mill-*employer* b’dan li minn naha tieghu qed josserva d-digriet. Il-Qorti ordnat li kopja ta’ dan id-digriet tigi notifikata permezz tal-Marixxalli lill-Kumpanija u lid-diretturi taghha. Dr David Camilleri pprezenta nota t’osservazzjonijiet seduta *stante* b’kopja lill-kontro-parti. Il-Qorti tat erbghin (40) gurnata zmien ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghall-24 ta’ Frar 2005 ghas-sentenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici;

Rat in-nota ta’ l-attrici in adempiment mal-verbal ta’ l-1 ta’ Gunju 2004;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Rat ir-rikors (6) tal-konvenut ta’ l-24 ta’ Settembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tas-17 ta’ Settembru 2002 jew li tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ l-istess mandat sakemm il-kwistjoni kollha tigi konsiderata;

Rat id-digriet tal-31 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors tal-11 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. Victor Ragonesi ghas-socjeta` General Plastics Ltd fejn talab lill-Qorti sabiex tinvestiga dak li asserixxa Dr. David Camilleri;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti ddecidiet li t-talba tar-rikorrenti m’hijiex gustifikata;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Dicembru 2004 fejn laqghet it-talba tal-konvenut (7) f’rikors li pprezenta fl-20 ta’ Settembru 2004 fejn talab seduta wahda biex tingabar xhieda fuq l-ammont ta’ hlas li l-attrici tircievi mid-dipartiment ta’ l-edukazzjoni. Il-Qorti ordnat li tali seduti ghandhom isiru quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli u tali seduti ghandhom isiru mhux aktar tard mill-15 ta’ Jannar 2005. Fin-nuqqas li dan isehh fit-terminu ndikat il-Qorti mhux ser testendi tali terminu.

Rat in-nota tal-konvenut datata 12 ta’ Lulju 2004;

Rat ir-replika ta’ A ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota ulterjuri tal-konvenut datat 1 ta’ Frar 2005;
Rat ir-rikors ta’ l-attrici tas-7 ta’ Jannar 2005 fejn talbet lill-Qorti sabiex l-intimat ma jdahhalx it-tifla minuri go hwienet tax-xorb;

Rat id-digriet tat-8 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja li dan id-digriet jigi obdut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha tixhed li ltaqghet mal-konvenut meta kellha erbatax-il (14) sena u kienet mignuna fuqu. Huwa kien biered maghha u aktar ifittex il-hbieb tant li fl-gherusija kien jiltaqa' kmieni biex imur il-kazin tal-banda. Wara l-gherusija ta' tmien (8) snin u nofs izzewwgu ghax iddejqet gharusa mhux ghax ried jizzewweg. Qalilha li kellu erba` mitt lira Maltija (Lm400) biss ghalkemm hu kien jahdem. Minn naha taghha hija kellha xi haga mfaddla. Huma zzewwgu fl-1986 u ghamlu erba' snin u nofs jghixu maz-zija sakemm lestew id-dar matrimonjali. Wara xi hames snin zwieg qabditu fuq *two-way radio* jitkellem b'mod intimu ma' mara. Hija qalet li huwa ammetta li waqqghetu u talabha mahfra. Hija nsistiet li jkollhom tfal u wara hafna zmien accetta. F'Marzu 1994 kellhom tarbija. F'Awissu huwa kien id-dar jiehu hsieb lit-tifla sakemm harget tixtri. Meta giet lura sabet lit-tifla ma' ommha u qaltilha li l-pulizija arrestaw lill-konvenut peress li kellu l-haxixa fil-pussess tieghu. L-ghada mar lura d-dar u allegatament ammetta li kien ilu jehodha mindu kellu erbatax-il (14) sena u kien jikkontrollaha. Semmiet okkazzjoni ohra fejn marru l-pulizija u hadu gakketta tar-ragel u fiha sabu allegatament tracci tal-haxixa.

Illi hija xehdet li ma kienx irid johorgu flimkien u djalogu bejniethom ma kienx hemm. Huwa ma kienx jiftah qalbu maghha. Lanqas paga ma kienet taf x'ghandu. Kien jinsisti li l-*weekend* kien tieghu. Wara x-xoghol kien jiekol u johrog minghajr ma jghidilha fejn sejjer. Wara seba' snin zwieg beda` jahdem ukoll *part-time* f'*bar*. Kemm il-

darba l-familja taghha kienu johorgu flimkien u hu qatt ma kien irid imur. Huwa kien iwassalhom u jitlaq.

Illi l-attrici sostniet li lit-tifla wkoll ma kienx jaghti kazha. Ma kienx juri nteress ghal dak li kienet turih li qed taghmel l-iskola. Meta kien johrogha kien jehodha ghand ommu jew il-kazin jew fuq iz-zuntier.

Illi hija xehdet ukoll li zewgha kellu habib jghix wahdu joqghod ftit boghod minnhom. Sa anke c-cavetta tad-dar tieghu kellu. Kif dan il-habib kien icempillu zewgha kien imur mill-ewwel. Dan anke jekk siehbu kellu hutu.

Illi hija xehdet ukoll li zewgha kien korra u ha xi flus. Biddel il-karozza li kellu ma’ wahda sportiva ghax qal li la kien wegga huwa l-flus ried igawdihom hu.

Illi hija telqet mid-dar f’Lulju 2002 ghax kellhom argument u allegatament uza l-forza maghha. Semmiet ukoll li kien hemm periklu tal-*gyser* fil-kamra tal-banju li baqa’ ma ssewwiex. Hija qed torqod ghand ommha.

Illi **Rita Gatt,** oht l-attrici, xehdet li ohtha tgerger ghax zewgha jitlaq u jmur il-kazin u ma jaghtihiex flus. Il-kontendenti jghixu bieb ma’ bieb ma’ ommha u hi tkun ghand ommha spiss. Ma kienx johrog maghhom meta l-familja tohrog flimkien. Nhar ta’ Hadd joqghod jara l-i*sports* fuq it-*television* u mbaghad jaqbad u jitlaq minghajr ma’ jghid fejn sejjer. Bhala bniedem iddeskrivietu li hu rizervat u ndifferenti ghalkemm meta x-xhud kellha bzonnu ghall-isptar sabitu mill-ewwel. Huwa dilettant tal-festi u l-kazin u anke lit-tifla jiehu l-kazin. Id-dar ma jaghtix kazha u anke lit-tifla ma tantx jaghtiha attenzjoni u dwar skola wkoll ma kienx jinteressa ruhu. Semmiet okkazjoni tal-precett li wera ruhu ndifferenti. Ukoll issemma’ l-habib li jghix wahdu u marid u li l-konvenut imur ghandu. Hija xehdet ukoll li tiftakar lil ohtha tgorr minhabba nuqqas ta’ flus. Huwa dejjem hadem u gieli kellu zewg xoghlijiet pero` lil martu qatt ma wriha kemm kien qed idahhal.

Illi x-xhud qalet li kienet taf li hemm problemi bejniethom u kienet issuggeriet lill-konvenut biex flimkien ma’ martu

jmorru ghand *marriage counsellor*. Huwa kien qalilha li dawk aktar igerfxuk u qatt ma ried imur.

Illi **Francis Farrugia** qal li martu tahdem ma' l-attrici u l-familji kienu saru hbieb. Kien ilu jafhom tnax-il (12) sena. Il-konvenut ma kienx iqatta' hin mal-familja u kellu hinijiet twal ta' xoghol. Qabel ma kellu l-*job extra* tal-bar kienu jistidnuhom imorru maghhom il-bahar u l-konvenut kien jidher imdejjaq li gie ghalkemm darba li jkun hemm kien qisu jghaddilu. Meta beda` jinqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti nqata' l-kuntatt. L-attrici talbitu jkellem il-konvenut biex forsi jaraw *counsellor.* Meta x-xhud kellem lill-konvenut, dan ammetta mieghu li l-mara kienet tgerger minhabba hinijiet li kien iqatta' fuq ix-xoghol. Il-konvenut qallu li hu jahdem kien ikun.

Illi l-**konvenut** xehed rigward l-allegazzjonijiet tal-mara. Dwar l-uzu tal-haxixa qal li mhix minnu jkollu ghajnejh homor bil-haxixa izda bil-*welding*. Rigward il-kwistjoni tal-gakketta qal li ma kienx prezenti meta gew il-pulizija u li kien ilu ma jilbes il-gakketta xi xahrejn. Regolarment kien inaddaf id-dar bil-*hoover*. Hu minnu li kien imur il-kazin pero` meta kien hemm bzonn dejjem hareg lil familtu.

Illi rigward il-habib qal li dan ghandu *slipped disc,* joqghod ftit boghod minnhom u hutu kollha msifrin. Jghinu ghax ma jistax jiccaqlaq mis-sodda.

Illi rigward is-sebat elef lira Maltija (Lm7000) qal li dawn hadhom ghax kellu incident fl-1982 u hadhom sentejn wara z-zwieg. Bihom xtara Hyundai Coupe li nsterqitlu u nghata erbat elef lira Maltija (Lm4000) kumpens. Bihom xtara l-karozza li ghandu llum.

Illi rigward it-tifla xehed li huwa qatt ma halliha nieqsa u kien jaghti lil martu disghin lira Maltija (Lm90) kull hmistax. Cahad li huwa kien aggressiv lejn martu dakinhar li telqet mid-dar.

Illi huwa spjega li l-ahhar hames snin kellu hanut li kien jiggestixxi *part-time* wara x-xoghol. Martu dejjem kienet tgerger li ma kienx qed igawdi l-familja u traskurahom

ghax aktar kien jaghti mportanza lix-xoghol. Meta beda` jirrealizza li forsi kellha ragun nehha l-hanut. Sadanittant pero` martu kellha xoghol *part-time* u kienet tohrog ma' shabha u ddum. Ghalkemm hi ma kienitx tohrog kull *weekend.* Huwa xtaq li kieku hija ma tahdimx. Anke jekk kien jaghmel manutenzjoni d-dar ma kien joghgobha xejn. Huwa xehed li kienu qed jigu kontijiet kbar tat-*telephone circa* tlieta u tletin lira Maltija (Lm33) kull darba, u darba minnhom qabadha hamsa u ghoxrin (25) minuta titkellem u tilmenta ma' persuna ohra li ma kienx jaghtiha flus u li mhux ser thallas il-kontijiet. Semmiet isem li x'aktarx kien certu Mario li jahdem maghha. Ftit wara rcieva l-karti tas-separazzjoni.

## (II) APREZZAMENT TAL-PROVI.

### (a) Responsabbilita'.

Illi l-bravu u abbli Perit Legali Dr Mark Chetcuti kkonkluda li mix-xhieda prodotta dan huwa kaz fejn il-konvenut injora ghal wisq zmien id-dmirijiet tieghu lejn familtu, u f'certu punt martu wkoll qatghet qalbha u bdiet tfittex hajja ghaliha.

Illi huwa kompla li *"Ma hemm xejn intrinsikament hazin fil-konvenut hlief li l-atteggament tieghu hu wiehed illi z-zwieg ghalih ifisser li tahdem u ggib il-flus id-dar lill-mara ghax dak hu l-obbligu tieghu. Apparti dan x'jaghmel bil-bqija tal-hin wara x-xoghol ma hi affari ta' hadd hlief teghu. Post il-mara finalment hu d-dar mat-tfal."*

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ghall-falliment taz-zwieg, izda thoss li mix-xhieda prodotta l-komportament tal-konvenut kien iktar gravi minn kif spejgat mill-Perit Legali fir-rapport tieghu.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut mhux biss u qatt ma wera xi entuzjazmu kbir ghall-attrici qabel iz-zwieg, izda dan l-atteggament kompla b'mod esagerat anke wara z-zwieg. Ineffetti minkejja li matul iz-zwieg

jidher pero` li l-attrici ppruvat taqdi d-dmirijiet taghha ta' mara mizzewga izda ma kienitx issib koperazzjoni minn naha ta' zewgha. Illi mix-xhieda prodotta rrizulta b'mod car li komunikazzjoni bejn il-koppja ma kienx hemm u li l-konvenut pjuttost kien jghix hajtu daqs li kieku mhux mizzewweg. Fil-fatt jidher li mohhu kien fil-hbieb u fil-kazin u jidher car li huwa ma fehemx li z-zwieg jikkomporta hafna aktar milli sempliciment taghti l-paga lill-mara, ghalkemm anke f'dan jidher li haseb ghal rasu ghaliex ma hemm l-ebda dubju li kien izomm kollox ghalih, u l-manteniment li kien jinghata lill-attrici u ghal bintha ma kienx bizzejjed.

Illi jinghad li ghalkemm huwa xehed li kemm lil bintu kif ukoll lil martu qatt ma naqashom jidher li l-istess konvenut *invece* traskura b'mod verament serju lill-attrici u lil bintha u dan iktar u iktar ghaliex mohhu kien biss li jaghmel l-affarijet wahdu. Il-fatt li huwa kien jghin barrani u ma jqattax hafna hin mal-familja tieghu zgur li kienet frustranti ghal martu meta lilha kien pratikament jinjoraha.

Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta li donnu huwa nduna bl-izball li kien ghamel meta beda` jahdem *part-time* fil-hanut pero` ghalkemm nehhieh, l-affarijiet kienu waslu f'punt tant hazin li ma kienx hemm rimedju. Jidher li l-attrici ghajjiet mis-sitwazzjoni familjari. Il-fatt li bdiet tahdem *part-time* ghenha biex tkun xi ftit aktar indipendenti minnu u xi drabi bdiet anke tohrog ma' shabha. Dan apparti l-fatt li hija setghet ahjar tmantni lilha innfisha peress li jidher li l-konvenut lanqas kaz ta' dan ma kien jaghti.

Illi apparti dan l-istess konvenut akkuza lill-attrici li kellha relazzjoni ma' ragel u certament dan ma gie bl-bda mod ippruvat waqt il-kawza, u dan fih innifsu jammonta ghal ingurja gravi wkoll; jirrizulta wkoll li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar *stante* li l-konvenut f'dik l-okkazjoni kien vjolenti maghha, u dan wara li prattikament minhabba l-agir tal-konvenut kien inqatta' kull mezz ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet. Fl-istess waqt din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni ta' l-attrici dwar adulterju u abbandun *da parte* tal-konvenut ma gietx ippruvata.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b’dan li l-firda personali ta’ bejn il-partijiet jirrizulta li sehhet minhabba l-agir tal-konvenut li kien hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija, sevizzi u ingurji gravi li kawza ta’ l-istess il-hajja bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli.

**(b) Kura u Kustodja.**

Illi l-kontendenti ghandhom tifla minuri bl-isem ta’ Lyanne. Fit-tieni talba taghha l-attrici talbet il-kura u l-kustodja tal-minuri. Il-konvenut fir-raba’ eccezzjoni tieghu talab li jinghata l-kura u l-kustodja huwa jew sussidjarjament li huwa jkollu access, kura u kontroll fuq it-tifla mhux anqas mill-attrici.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2003 quddiem il-Perit Legali Dr Mark Chetcuti sar verbal mill-partijiet fil-prezenza tal-avukati taghhom. Huma qablu li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri ghandha tigi affidata lill-omm kif ukoll illi t-tifla tirrisjedi ma’ l-omm fejn l-omm taghmel ir-residenza taghha. Huma ftehmu fuq is-segwenti hinjiet ghall-access tal-missier b’dan li l-konvenut ghandu jkollu access nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Erbgha mis-6.00p.m. sat-8.00p.m. fix-Xitwa cjoe` mill-1 ta’ Ottubru sa l-ahhar ta’ Gunju u fis-Sajf il-missier ghandu jkollu access mis-6.00p.m. sad-9.00p.m. Il-missier ghandu jkollu access ukoll kull *weekend* alternattiv u jigbor lit-tifla l-Gimgha fis-6.30p.m. u jirritornaha l-Hadd fil-5.00p.m. fix-Xitwa u fis-Sajf jirritornaha fis-7.00p.m. Il-partijiet qablu wkoll illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid it-tifla tqatta’ l-gurnata bejn id-9.00a.m. u s-6.00p.m. alternattivament darba mal-missier u darba ma’ l-omm. Il-missier ghandu jigbor u jirritorna lit-tifla mid-dar t’ommha.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha l-attrici sostniet li aktar ma jghaddi z-zmien u aktar ma’ l-istudju tat-tifla taghhom qed jizdied dawn il-hinijiet miftehma mhux qed ikunu prattici u qed itelfuha mill-istudju. Ghalhekk hija tixtieq illi jitnehhew il-hinijiet fost il-gimgha u jizdiedu minflok il-hinijiet fil-*weekend* bl-istess ammont ta’ sieghat u dan biss ghall-perjodu skolastiku. Waqt il-vaganzi jista’

jibqa' kollox kif originarjament miftiehem quddiem il-Perit Legali.

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghamilha cara li huwa ma jaqbilx mal-proposti attrici dwar tibdil tal-hinijiet ta' l-access skond kif suggeriti mill-attrici.

Illi din il-Qorti lanqas ma taqbel mas-suggeriment li pproponiet l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Din il-Qorti tifhem l-esigenzi u l-importanza ta' l-istudju pero` minn naha l-ohra anke r-relazzjoni mal-missier hija kwistjoni li trid tinghata l-importanza taghha. Li kieku dak li qed jigi suggerit mill-attrici kellu jigi accettat dan ikun ifisser li l-missier matul is-sena skolastika se jkollu gimgha alternattiva ma jara xejn lil bintu. B'hekk il-kura u l-kustodja tal-minuri qed tigi fdata f'idejn l-attrici u l-hinijiet ta' l-access ghandhom ikunu dawk kif miftehma bejn il-partijiet quddiem il-Perit Legali. Illi jigi rilevat ukoll li waqf l-access tal-konvenut huwa ghandu jiehu lit-tifla f'postijiet li huma addattati ghal tifla ta' l-eta' taghha u allura jevita li jiehu lill-istess minuri f'postijiet tax-xorb.

**(c) Manteniment.**

Illi s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta dak iz-zmien mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano akkordat sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar manteniment ghall-mara u mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar manteniment ghat-tifla Lyanne, b'dan li l-konvenut gie obbligat li jhallas dan l-ammont lill-attrici fir-residenza taghha.

Illi rrizulta mill-FS3 ghas-sena 2001 li l-konvenut kellu ntrojtu ta' tlett elef, hames mitt lira u wiehed u tletin lira Maltija (Lm3,531) netti. L-attrici minn naha taghha tahdem *part-time* u skond dak li xehed r-rapprezentant mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fis-sena 2004 hija kellha dhul nett ta' elf, seba` mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm1,725.69). Minn Dok. "VP" jrrizulta li l-attrici mis-sena 2002 irceviet ammonti differenti mill-impjieg taghha. Mix-xhieda li taha Vincent Piccinino jirrizulta li hija *casual cleaner* u li ghalkemm normalment min huwa fl-istess grad bhalha jahdem ghoxrin (20)

siegha fil-gimgha pero` dawn jistghu jkunu aktar jew anqas skond il-bzonn tad-dipartiment.

Illi l-Perit Legali kkonkluda li minhabba li l-introjtu ta' l-attrici mhux bizzejjed u minhabba li l-htija tas-separazzjoni hi attribwibbli principalment lill-konvenut, l-istess konvenut ghandu jghin finanzjarjament lill-attrici u ghandu jissoministra s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar lilha. Huwa kompla li billi meta t-tifla taghlaq tmintax-il (18) sena, l-attrici jkollha vicin il-hamsin (50) sena, mhux ser ikun facli ghaliha li jkollha xoghol *full-time* u ghalhekk dan il-manteniment m'ghandux jispicca meta t-tifla ssir maggorenni. F'kull kaz il-manteniment lill-attrici jkun dovut biss sakemm hi ma tahdimx *full-time* jew tkun qed tirrisjedi ma' terzi tas-sess oppost jew sakemm ic-cirkostanzi tal-konvenut ma jinbidlux bi htija tieghu.

Illi fir-rigward tal-manteniment ghaliha l-attrici ssostni li dan m'ghandux jinbidel mid-digriet tas-Sekond'Awla peress li minhabba l-eta` zghira tat-tifla hija ma tistax tahdem b'introjtu daqs li kieku ma kellhiex tfal.

Illi l-konvenut isostni li m'ghandux jaghti manteniment lil martu minhabba li l-bidu tat-tkissir taz-zwieg kien minhabba l-azzjonijiet taghha mhux dekoruzi ma' terzi u ghalhekk hija ddekadiet minn dan id-dritt.

Illi diga` nghad li l-allegazzjoni mressqa mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ma gietx ippruvata. Anzi rrizulta li t-tifrik ta' dan iz-zwieg sehh esklussivament minhabba l-agir abbusiv tal-konvenut kif gja inghad. Taht dan l-isfond zgur ma tistax tintlaqa' t-talba tal-konvenut li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti u hadet konjizzjoni wkoll ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet dwar l-istess thoss li fic-cirkostanzi parikolari ta' dan il-kaz hija taqbel ma' dak li ssottometta l-Perit Legali u b'hekk tordna li l-konvenut ghandu jissomministra lill-attrici s-somma ta' hamsin (Lm50) kull xahar bhala manteniment ghaliha u dan il-manteniment ghandu jibqa' jinghata anke wara li t-tifla ssir maggorenni u dan dejjem jekk xi wahda

mill-kundizzjonijiet imsemmija mill-istess Perit Legali ma jsehhux.

Illi kwantu ghall-manteniment tat-tifla, Lyanne, il-Perit Legali ssottometta li l-konvenut ghandu jipprovdi manteniment lil bintu ta' sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar u l-omm tircievi hi c-*children's allowances* u xi *allowances* tal-familja li l-Gvern jaghti. *Inoltre* l-konvenut irid ihallas nofs l-ispejjez ta' tobba u medicini u kura medika in generali ghall-bzonnijiet tat-tifla.

Illi l-attrici ma qablitx mas-suggeriment tal-Perit Legali biex jitnaqqas l-ammont ta' manteniment tat-tifla. *Inoltre* ziedet li l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tifla ser jizdiedu aktar ma hija tikber.

Illi l-konvenut jaqbel mar-rapport fis-sens li jibda jipprovdi manteniment lil bintu ta' sebghin lira Maltija (Lm70) fix-xahar. Huwa japprezza li l-attrici tiehu l-*family allowances* u c-*children's allowance*.

Illi *in vista* tal-fatt li l-attrici qeghda tahdem *part-time* u hija wkoll fl-obbligu li tipprovdi ghall-manteniment ta' bintha – haga li diga` qed taghmel – din il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi l-ammont ta' disghin lira Maltija (Lm90) fix-xahar ghat-tifla. *Inoltre* l-konvenut ghandu jhallas in-nofs ta' spejjez ta' tobba u medicini u kwalunkwe kura medika kif ukoll nofs l-ispejjez li jirrigwardaw l-edukazzjoni tat-tifla, b'dan li l-istess attrici ghandha tipprovdi l-kontijiet jew ricevuti relattivi dwar l-istess, u l-konvenut ghandu jhallas l-istess lill-attrici fi zmien gimgha minn meta jircievi l-istess. L-attrici ghandha tippercepixxi hija c-*children's allowance* u kwalunkwe *family allowance* li tikkwalifika ghaliha.

Illi fl-ahharnett jigi deciz ukoll li l-ammont ta' manteniment cjoe` dak ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140) fix-xahar ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika lid-diretturi tas-socjeta' General Plastics Limited, kif indikati a fol. 201 tal-process, b'kopja legali ta' din is-sentenza u ta' din l-ordni, sabiex l-istess diretturi fil-kwalita' taghhom

premessa u l-istess socjeta’ taderixxi ruhha ma’ din l-ordni.

**(c)** **Komunjoni ta’ l-akkwisti.**

Illi l-fond matrimonjali cjoe` Our Nest, No.15, Sqaq ta’ Tavlin, Numru 1, Zejtun, huwa proprjeta’ tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet. Dan gie valutat fl-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf lira u hames mitt lira Maltija (Lm28,500). Il-partijiet, kif jirrizulta mill-atti, qablu li d-dar ghandha tehodha l-attrici u fil-fatt hadet pussess taghha kif fil-fatt ivverbalizat fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2003. Jirrizuta li l-istess attrici hallset lill-konvenut is-somma ta’ ghaxart elef u hames mitt lira Maltija (Lm10,500). Sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali hu ta’ erbatax-il elf, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm14,250) u b’hekk ghandu kreditu favur tieghu tad-differenza cjoe` tlett elef, seba` mija u hamsin lira Maltija (Lm3,750).

Illi l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li l-post inbena bi flus li kellha hi u ma dan jaqbel il-konvenut. Pero’ hu jsostni li huwa ghamel hafna xoghol fil-bini tieghu u wkoll kellu erba` mitt lira Maltija (Lm400) qabel iz-zwieg. Il-Perit Legali sostna li hadd mill-partijiet ma kkwantifika l-hlasijiet li ghamel jew il-valur tax-xoghol. B’hekk huwa kkonkluda li l-hlasijiet ta’ l-attrici ghall-bini u x-xoghol fuq il-fond matrimonjali maghmul mill-konvenut kif ukoll l-erba’ mitt lira Maltija (Lm400) li kellu ghandhom jitpacu ma’ xulxin. Sussegwentement man-nota ta’ sottomissjonijet l-attrici ghamlet dikjarazzjoni fis-sens li l-ammont li hallset kien ta’ elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500).

Illi din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li f’dan l-istadju tal-prezentata tan-noti l-provi tal-partijiet kienu ilhom li gew konkluzi u l-attrici abbuzat meta ghamlet l-istess sottomissjonijiet uipprezentat prova gdida minghajr il-permess ta’ din il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss li mhux biss tali dikjarazzjoni hekk abusivament ipprezentata mhiex l-ahjar prova, izda certament li b’daqshekk l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati fuq dan il-punt.

Illi fil-fatt fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li a bazi tal-provi prodotti hadd mill-partijiet ma rnexxielu jipprova dak allegat minnu. Kien jinkombi fuq il-partijiet rispettivament li jipprezentaw provi biex jissustanzjaw dak li kienu qed jippretendu minn xulxin. Ghalhekk l-allegazzjoni ta' kull parti f'dan il-kuntest ma' hijiex qed tigi accettata, u f'dan is-sens il-konkluzjonijiet peritali qed jigi mibdula.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali l-konvenut ghandu kreditu favur tieghu ta' tlett elef, seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm3,750), u dan minhabba l-valuri fuq indikati, li qablu dwarhom il-partijiet u wkoll l-ammont li thallas mill-attrici, li jhalli l-imsemmi bilanc.

Illi rigward il-mobbli l-partijiet b'verbal quddiem il-Perit Legali fis-seduta tat-22 ta' April 2003 elenkaw il-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u tawhom valur bi qbil.  Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2003 il-konvenut iddikjara li b'referenza ghall-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2003 kien ha s-segwenti oggetti bhala sehmu mill-mobbli cjoe` *stereo, speakers, compact discs* kollha, kwadri ta' karozzi, TV Grundig u *satellite*, l-ghodda kollha, l-affarijiet tal-bar, xtieli, ghasfur u *lampshade* ta' l-injam. Dawn ghandhom valur ta' tlett elef u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm3,085) (l-ghasfur u l-kwadri tal-karozzi ma nghatawx valur).  L-affarijiet l-ohra kollha cjoe` l-kamra tas-sodda, kamra tat-tifla, salott u *wall unit, stereo*, tlett *televisions*, sufan li jinfetah sodda, *humidifier,* linfa u *lampshades,* tazzi, tlett fanali, statwa u *hoover, video player, Kenwood* u l-affarijiet l-ohra li jista' jkun hemm fid-dar matrimonjali ammontanti ghal elfejn, tmien mija u tlieta u disghin lira Maltija (Lm2,893) hadithom l-attrici. Il-konvenut pero` ghandu wkoll fil-pussess tieghu cappetta u *choker* li ma nghatatx ebda valur u l-Perit Legali bonarjament tahom valur ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150). Ghalhekk fir-rigward tal-mobbli l-konvenut ha b'valur is-somma ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm3,635) (Lm3,085 + Lm400 + Lm150) u l-attrici hadet b'valur is-somma ta' elfejn, tmien mija u tlieta u disghin lira Maltija (Lm2,893). Kwindi l-konvenut irid jaghti kumpens lill-attrici nofs id-differenza ta' seba' mija u tnejn

u erbghin lira Maltija (Lm742) cjoe` tliet mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm371).

Illi hemm ukoll kwistjoni dwar il-karozza Toyota BAA 687 li ghandha valur ta’ elfejn u erba` mitt lira Maltin (Lm2,400). Din inxtrat fiz-zwieg. Il-konvenut kien korra u ghamel kawza ghall-kumpens kontra terzi u fiz-zwieg inghata kumpens b’sentenza ta’ dawn il-Qrati fis-somma ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7,000). Il-konvenut xehed li xtara bihom vettura Hyundai Coupe li nsterqitlu. Inghata kumpens ta’ *circa* erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li bihom xtara l-vettura prezenti.

Illi dwar dan il-punt il-Qorti taqbel ma’ dak li ssottometta l-Perit Legali u tadotta l-istess konkluzjoni cjoe` :

*“… illi dan il-kreditu hu dritt li nsorga qabel iz-zwieg u ghalhekk ghandu jappartjeni lill-konvenut ghalkemm gie percepit wara z-zwieg. Pero` hemm argument validu fis-sens li essendo l-kumpens f’kaz simili mhux kreditu semplici izda jinghata ghal lucrum cessans fuq perjodu twil ta’ zmien, parti minn dak il-kumpens hu wkoll gwadann tal-komunjoni stante li t-telf tal-komunjoni bid-dizabilita’ tal-konvenut qed jigi kompensat kull sena a proporzjon tal-multiplier uzat, tul is-snin li l-kontendenti damu mizzewwga. Pero` f’dan il-kaz l-esponenti jissottometti illi s-somma giet utilizzata biex il-konvenut xtara vettura ghalih. Meta nsterqitlu ha kumpens u xtara vettura ohra li qed igawdi hu.*

*Stante li l-valur originali tal-kumpens kien ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7,000) li llum hu ridott ghal elfejn u erba’ mitt lira Maltija (Lm2,400) stante d-depreciation fil-valur ta’ l-oggett mixtri mill-konvenut bil-flus tal-kumpens, l-esponenti jissottometti illi hu ekwu u gust li f’dan il-kaz il-konvenut izomm il-vettura kollha hu minghajr ebda kumpens verso l-attrici. Dan peress li ghalkemm teknikament il-vettura tifforma parti mill-komunjoni, il-konvenut ghandu kreditu ghall-valur billi nxtrat bi flus li originarjament kienu parafernali tieghu. L-esponenti ma jhossx pero’ illi l-konvenut ghandu jigi vantaggjat aktar billi inizjalment hu kellu sebat elef lira Maltija (Lm7000) stante*

*li l-vetturi kienu tieghu u dawn iddipprezzaw biz-zmien u inoltre' ma jistax jinghad illi l-komunjoni giet vantaggjata."*

Illi ghalhekk l-attrici ghandha tiehu d-dar matrimonjali flimkien ma' l-oggetti mobbli gia` elenkati. Il-konvenut ghandu jzomm l-oggetti mobbli elenkati nkluz ic-cappetta u c-*choker* u l-vettura Toyota b'Reg. Nru BAA 687. L-attrici ghandha thallas bhala ekwiparazzjoni ghal darba wahda biss is-somma ta' tlett elef, tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm3,379) (Lm3,750 - Lm371 = Lm3,379).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn dawn huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, tiddeciedi billi filwaqt li **tichad is-sitt u seba' talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz**, b'dan illi:-

1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut u dan *stante* li l-konvenut kien responsabbli *verso* l-attrici ta' sevizzi, mohqrija u ngurji gravi li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2) Tilqa' t-tieni talba attrici b'dan illi takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri, Lyanne Farrugia, f'idejn l-istess attrici bid-dritt ta' access lill-konvenut fil-granet u hinijiet segwenti:-

Kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Erbgha mis-6.00p.m. sat-8.00p.m. fix-Xitwa cjoe` mill-1 ta' Ottubru sa l-ahhar ta' Gunju u fis-Sajf il-missier ghandu jkollu access mis-6.00p.m. sad-9.00p.m. Il-missier ghandu jkollu access ukoll kull *weekend* alternattiv u jigbor lit-tifla l-Gimgha fis-6.30p.m. u jirritornaha l-Hadd fil-5.00p.m. fix-Xitwa u fis-Sajf jirritornaha fis-7.00p.m. Illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid it-tifla ghandha tqatta' l-gurnata bejn id-

9.00a.m. u s-6.00p.m. alternattivament darba mal-missier u darba ma' l-omm. Il-missier ghandu jigbor u jirritorna lit-tifla mid-dar t'ommha.

3) Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan illi l-konvenut ghandu jissomministra lill-attrici s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) kull xahar bhala manteniment ghaliha u dan il-manteniment ghandu jibqa' jinghata anke wara li t-tifla ssir maggorenni. F'kull kaz il-manteniment lill-attrici jkun dovut biss sakemm l-istess attrici ma tahdimx *full-time* jew tkun qed tirrisjedi ma' terzi tas-sess oppost.

Illi l-konvenut ghandu jikkontribwixxi bhala manteniment ghat-tifla minuri l-ammont ta' disghin lira Maltija (Lm90) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza. L-istess konvenut qed jigi wkoll ikkundannat li jhallas nofs l-ispejjez ta' tobba u medicini u kwalunkwe kura medika, kif ukoll nofs l-ispejjez li jirrigwardaw l-edukazzjoni tat-tifla u dan anke bil-mod aktar il-fuq indikat. L-attrici ghandha tippercepixxi hija *c-children's allowance* u kwalunkwe *family allowance* li tikkwalifika ghalih skond il-ligi.

Illi fl-ahharnett jigi deciz ukoll li l-ammont ta' manteniment cjoe` dak ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140) fix-xahar ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika lid-diretturi tas-socjeta' General Plastics Limited, kif indikati a fol. 201 tal-process, b'kopja legali ta' din is-sentenza u ta' din l-ordni, sabiex l-istess diretturi fil-kwalita' taghhom premessa u l-istess socjeta' taderixxi ruhha ma' din l-ordni.

4) Tilqa' r-raba' talba attrici b'dan illi tordna li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fl-intier taghom.

5) Tilqa' l-hames talba attrici b'dan illi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-istess bil-mod kif gej:-

Illi l-attrici ghandha qed tigi assenjata d-dar matrimonjali "Our Nest", No.15, Sqaq ta' Tavlin, Numru 1, Zejtun. Dan

flimkien ma’ l-oggetti mobbli gia` elenkati cjoe` l-kamra tas-sodda, kamra tat-tifla, salott u *wall unit, stereo*, tlett *televisions*, sufan li jinfetah sodda, *humidifier,* linfa u *lampshades,* tazzi, tlett fanali, statwa u *hoover, video player,* Kenwood u l-affarijiet l-ohra li jista’ jkun hemm fid-dar matrimonjali li jinsabu gja` fil-pussess taghha u tali oggetti ammontanti ghall-valur *circa* ta’ elfejn, tmien mija u tlieta u disghin (Lm2,893).

Illi minn naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat l-oggetti mobbli hawn elenkati, li gja jinsabu fil-pussess tieghu konsistenti fi *stereo, speakers, compact discs* kollha, kwadri ta’ karozzi, TV Grundig u *satellite*, l-ghodda kollha, l-affarijiet tal-*bar*, xtieli, ghasfur u *lampshade* ta’ l-injam. Dawn ghandhom valur ta’ tlett elef u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm3,085) (l-ghasfur u l-kwadri tal-karozzi ma nghatawx valur), inkluz ic-cappetta u c-*choker* u l-vettura Toyota b’Reg. Nru BAA 687.

Illi *inoltre* ghar-ragunijiet imsemmija l-attrici ghandha thallas lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni, s-somma ta’ tlett elef u tlett mija u disgha u sebghin Lira Maltin [(Lm3,379) (Lm3,750 - Lm371)], l-istess ammont ikkalkulat aktar ‘il fuq f’din id-decizjoni.

6) Tichad is-sitt talba attrici *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

7) Tichad is-seba’ talba attrici *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu xi proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici.

8) Tilqa’ t-tmien talba attrici biss fis-sens li minhabba l-assenjazzjoni lill-attrici ta’ l-immobbli fuq indikati, hija l-attrici u bintha li ghandhom id-dritt li jghixu esklussivament f’dik li kienet sa llum id-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

9. Tordna illi l-attrici tirreverti ghal kunjomha xebba *ossia* Darmanin, kif gie mitlub minnha fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------